MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 484/1995/2

**Renato Galea**

**vs**

**Sharon Galea nee' Gibson**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fil-knisja parrokkjali tal-Mosta nhar it-30 ta' April 1988 (Dok "A");

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlet

impossibbli lill-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi *inoltre* l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-30 ta' April 1988 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tas-27 ta' April 1995 fejn ordnat lill-attur jesebixxi kopja tac-certifikat taz-zwieg;

Rat in-nota tal-attur datata 16 ta' Mejju 1995 li permezz taghha esebixxa l-istess certifikat kif mitlub;

Rat ir-rikors tal-attur tat-8 ta' Ottubru 1996 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 30 ta' Ottubru 1996.

Rat il-verbal tal-5 ta' Marzu 1997;

Rat ir-rikors tal-attur Renato Galea datat 2 ta' April 1997 fejn talab li l-konvenuta tigi notifikata wara l-hinijiet legali.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-3 ta' April 1997 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbali tal-24 ta' April 1997; tal-10 ta' Gunju 1997 fejn minkejja l-kontumacja tal-konvenuta, il-Qorti nnominat lil Dr. Fiorella De Marco bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; tal-14 ta' Ottubru 1997; tad-19 ta' Jannar 1998; tas-17 ta' Marzu 1998; tas-16 ta' Settembru 1998; tad-9 ta' Frar 1999 fejn il-Perit Legali nforma lill-Qorti li l-provi ngabru kollha; tat-28 ta' Mejju 1999; tad-29 t'Ottubru 1999; tal-5 ta' April 2000 u tat-23 ta' Mejju 2000 fejn il-kawza thalliet ghar-rapport ghall-24 ta' Novembru 2000.

Rat ir-rikors tal-attur Renato Galea tad-9 ta' Gunju 2000 fejn talab l-awtorizzazzjoni ghall-hrug ta' mandat t'akkompjanjament kontra Joyce Gibson residenti *"Kamo", Flat 4, Triq il-Makku, New Street Mosta Road, San Pawl il-Bahar* biex tkun tista' tittella' tixhed.

Rat id-digrieti sussegwenti tal-Qorti datati 20 ta' Gunju 2000 u dak tal-20 ta' Settembru 2000 fejn laqghet din it-talba u rrikjamat il-kawza ghat-2 ta' Novembru 2000.

Rat il-verbali tat-8 ta' Novembru 2000 fejn il-Marixxall Angelo Cutajar informa lill-Qorti li meta mar biex jesegwixxi l-mandat ta' skorta sab lix-xhud marida fis-sodda pero' ma gie prodott ebda certifikat mediku in sostenn tal-kundizzjoni ta' l-istess xhud. In vista ta' dan il-Qorti pprefiggiet gimgha zmien lill-istess xhud biex tipprezenta dan ic-certifikat mediku, u rriservat il-possibilta' li tipprovdi wkoll ghan-nomina ta' Imhallef supplenti.

Rat in-nota tal-attur tat-13 ta' Novembru 2000 li permezz taghha esebixxa c-certifikat mediku mibghut minn Joyce Gibson konformament mad-digiret moghti mill-Qorti fit-8 ta' Novembru 2000 biex permezz tieghu tiggustifika n-nuqqas ta' attendenza taghha ghas-seduta tat-8 ta' Novembru 2000.

Rat il-verbali tal-20 ta' Novembru 2000 fejn fuq talba biex tinstema' x-xhieda ta' Joyce Gibson fir-residenza taghha

stess minhabba l-istat mediku taghha, il-Qorti ordnat lill-Marixxall Angelo Cutajar biex ikun prezenti ghal din ix-xhieda peress li kien diga' nvolut f'dawn il-proceduri; tat-2 ta' Mejju 2001; tat-18 ta' Settembru 2001; tas-7 ta' Jannar 2002; tat-18 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tas-16 ta' April 2002; tat-28 ta' Mejju 2002 u tas-7 ta' Novembru 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Fiorella De Marco halfet ir-rapport. Dr. Benny Delia ghall-attur irrimetta ruhu ghar-rapport u talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza. In vista ta' dan il-kawza giet differita ghall-lum 6 ta' Marzu 2003 ghas-sentenza.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali.

Rat li minkejja li giet debitament notifikata, il-konvenuta Sharon Galea baqghet ma pprezentat ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>(A) PROVI PRODOTTI.</u>

Illi **l-konvenuta Sharon Galea** minn jeddha, bil-Malti u bil-gurament xehdet hekk:-

*"Jiena zzewwigt meta kelli (17) sbatax-il sena. Qabel ma zzewwigt, u nfatti dejjem, kelli nkwiet mal-familja tieghi. Ommi ma riditnix nizzewweg u jiena ggilidt maghha ghax ridt nizzewweg. Pero' l-inkwiet ma' ommi, kif ghidt qabel, kien minn dejjem fuq haga jew ohra. Il-papa' ma kienx jindahal.*

*Jiena kont inhobb nohrog u l-mama ma tantx kienet thallini.*

*Mistoqsija jekk jiena zzewwigtx biex nehles mill-inkwiet mal-mama nghid li jiena zzewwigt ghax kont inhobb lil-Renato u ghall-ebda raguni ohra. Il-mama tieghi ma attendietx it-tieg taghna. Il-mama, ma nistax nghid x'raguni kellha ghaliex ma riditnix nizzewweg. Qabel Renato jiena ma kellix 'boyfriends' ohrajn. Jiena bdejt nohrog ma' Renato meta kelli (15) hmistax-il sena.*

*L-inkwiet li kelli ma' Renato meta zzewwigna kien minhabba ommi ghaliex hi kienet tigi tarani u jiena kont immur narha. Renato ma xtaqx li nzomm dal-kuntatt maghha minhabba li hi dejjem kienet ghajritni, izda jiena ghidt li xorta tibqa' ommi u ghalhekk bqajt immur. Il-mama kienet tigi tarani d-dar meta Renato kien ikun ix-xoghol. Meta kont immur nara l-mama lil Renato gieli kont nghidlu u gieli ma kontx. Dan kollu gara ftit xhur wara z-zwieg.*

*Kien hemm ukoll okkazjonijiet li jiena tlaqt mid-dar u kont mort nghix ghand ommi. Kont indum hemm ghal xi gimgha mbaghad konna nergghu nirrangaw u mmur lura d-dar. Dan gara xi erba' darbiet. Ir-raguni li kont nitlaq kienet ghax ridt immur noqghod ghand ommi. Meta kont immur ghand ommi ma kontx nohrog mal-hbieb. L-unika darba li hrigt kien meta tlaqt l-ahhar darba, ftit qabel is-seperazzjoni u mort noqghod ghand ohti. Domt nghix ghand ohti xi sena u nofs. Qabel is-separazzjoni kelli relazzjoni ma' ragel iehor. Bdejt nohrog ma' ragel iehor f'Mejju ta' 1993 u f''Awissu hrigt tqila. Ma nistax nghid meta kelli l-ewwel relazzjoni mieghu. Jiena kelli t-tarbija fit-30 ta' Mejju 1994. Jiena hadt is-separazzjoni fil-22 ta' Lulju 1993. Jiena kont nohrog mieghu minn qabel ma sseparajna. Meta konna nohorgu flimkien konna mmorru go xi bar.*

*Jiena m'ghadnix niffrekwenta dan il-bniedem. Din ir-relazzjoni ksirta gimgha ilu. Inkwiet mieghu kelli ta' sikwit. Kont irrid nitilqu ghax iddejjaqt mieghu ghaliex kien possessiv wisq fuqi u kien johrog wahdu u kien isawwatni.*

*Lil dan jien ma kontx inhobbu.  Fiz-zmien li kont noqghod ma' ohti kont nahdem il-Bowling Alley.*

*It-tarbija qed inrabbiha jien.  Jiena illum-il gurnata qed noqghod flimkien ma' binti, Brenda Lee Gibson (il-missier qatt ma rrikonoxxa t-tifla) f' Winchester Flats, Flat 6, Triq L-Instamnar, Qawra.*

*Fuq domanda tal-perit il-ghala hi kienet telqet lil Renato li kienet thobb biex tmur thix ghand ommha hija wiegbet 'jiena kont mmur bit-tama li jbiddel fehemtu fuq il-kwistjoni li ma riednix fil-kumpanija t'ommi'.*

*Kien Renato li kien jigi lura ghalija u jistaqsini biex immur lura d-dar".*

Illi l**-attur Renato Galea** bil-Malti u bil-gurament xehed hekk:-

*"Inqratli d-dikjarazzjoni li qed nikkonferma.*

*Minhabba li Sharon kellha (17) sbatax-il sena kellha bzonn il-permess tal-genituri taghha.  Ommha ma ridithiex tizzewweg u ffirmat sforz kemm insista maghha zewgha cjoe' missier Sharon.  Tant hu hekk li ghat-tieg ommha ma kenitx giet.  Kien gie missierha biss.  Missierha huwa Ngliz u ommha Maltija.  F'dawk l-erba' (4) snin li ghamilna mizzewgin hi minn dejjem riedet tohrog mid-dar.  Hija kienet tkun trid tohrog tiltaqa' mal-hbieb.  Kemm-il darba kienet tghidli li kienet sejra ghand ommha.  Jiena kont immur ghand ommha u ma kien jiftahli hadd.  Imbaghad kont immur infittxha Paceville jew il-Mellieha fejn kien ikolli suspett li ser tkun u kont insibha.  Generalment hi kienet tkun ma' ohtha.  Dan kien ikun ghall-habta tal-11:00 ta' bil-lejl.  Hi telqet mid-dar xi erbgha jew hames darbiet.  Jien kull darba ghamilt ir-rapport tieghi l-Ghassa tal-Mosta. Hi kienet iddum nieqsa xi gimgha, gimghatejn.  Wara xi erbat ijiem kienet iccempel biex tiskuza ruha u tghidli li ser terga' tigi.  Hi kienet tghidli li kienet titlaq ghaliex kienet tixba' mid-dar,  ghaliex hi zzewget zghira u ma kenitx taf xi jfisser verament l-impenn taz-zwieg. Kull darba li hi kienet titlaq kien ikun waqt li jien inkun ghax-xoghol, jigifieri, kont*

*nigi lura d-dar u ma nsibhiex. L-ahhar darba li telqet kien gie missierha b'vann u garr l-affarijiet taghha. Dan nafu ghaliex ommi kienet toqghod bieb ma' bieb mieghi u kienet ratu. Jien qatt ma erfajt idejja fuq il-mara u qatt ma kelli rapporti minn ghandha. Fl-ahhar sena bdew jiguni s-suspetti li Sharon kellha lil haddiehor. Hi ma kenitx trid relazzjoni ntima mieghi u xi hbieb kienu jwissuni biex noqghod attent.*

*Sussegwentement sirt naf li kienet qed tghix ma' haddiehor, minghand min kellha wkoll tarbija. Fil-fatt meta gejna ghas-separazzjoni kull guvni li kien jghaddi gol-Qorti stess donnha kienet tafu ghax kienet tmur fuqu. Wara sentejn taz-zwieg riedet tmur tahdem f'hotel Bugibba bhala 'waitress' u jien kont hallejtha. Wara xahar telqet ghax qaltli li sid il-post kien kecciha. Wara dan riedet tahdem il-'Bowling Alley' f'Paceville. Pero' jiena ma hallejthiex ghaliex kien ifisser xoghol ta' bil-lejl, per ezempju, mil-5:00 p.m. sas-2:00 a.m. Hi ghall-ewwel accettat li ma tmurx. Imbaghad regghet staqsietni fuq insistenza ta' missierha li kien jahdem hemm. Imma, jiena bqajt noggezzjona. Meta rat li jiena bqajt ninsisti li ma tmurx tahdem bil-lejl telqet ghall-ahhar darba. Meta telqet kienu krew 'flat' hi u ohtha, San Giljan. Is-sena l-ohra, erba' snin wara li Sharon kienet telqet mid-dar jiena ltqajt ma' Sharon. Hi qaltli li riedet ritratt tieghi u bghattulha bil-posta. Ftit jiem wara r-ragel li kienet mieghu gie jiggieled mieghi ghax bghattilha r-ritratt.*

*Jiena bdejt nohrog ma' Sharon minn meta kella (13) tlettax-il sena u jien (17) sbatax. Dak iz-zmien hi ma kenitx turi li kienet tfittex il-hbieb. Kienet tidher kuntenta fil-kumpanija tieghi"*.

Illi l**-attur** minn jeddu, bil-Malti u bil-gurament kompla jixhed hekk:-

*"Meta jiena ltqajt ma' Sharon hi kellha (13) tlettax-il sena. Hi qaltli li huma kienu gew mill-Ingilterra biex joqoghdu Malta xi sena qabel u qaltli li ma kellhiex hbieb. Kienet kuntenta tohrog mieghi. Meta konna nohorgu flimkien aktar ma beda jghaddi z-zmien, u cjoe' ftit xhur wara,*

*bdiet taghmel hafna bhieb kemm tfajliet kif ukoll guvintur. Meta konna nohorgu flimkien il-hin kollu issellem lil dak u lil iehor. Dak iz-zmien Sharon kien qed ikollha xi tghid ma' ommha ghaliex meta ma kenitx qed tohrog mieghi kienet tohrog mal-hbieb. Dan nafu ghaliex kemm ommha kif ukoll ohtha kienu jghiduli. Jiena kont nilmenta maghha fuq dan izda hi kienet tghid li kienet tmur biss sal-hwienet 'shopping' u baqghet tohrog. Jiena xort ridt nizzewwigha ghaliex hi kienet tghidli li la tizzewweg ma tibqax tohrog mal-hbieb. Jiena kont naf fejn kienet tmur u cjoe' ghand il-'hairdresser' il-Mosta, mhux il-boghod mid dar fejn kienet toqghod, ghaliex il-hbieb taghha kienu jiltaqghu hemm. Wara li zzewwigna pero' xorta baqghet tohrog u tiltaqa' ma' shabha. Hi qatt ma qaltli imma jiena kont inhoss li zzewgitni biex tahrab mill ambjent ta' ommha u tkun aktar libera.*

*Mistoqsi l-ghala ommha ma riditx li ahna nizzxewgu, nghid li ma nafx ir-raguni ghaliex hadt minnhom qatt ma qalli r-raguna. Jiena nahseb li forsi ommha kienet taf b'xi haga li lili ma qaltlix".*

Illi **Maria Galea** prodotta minn l-attur xehdet hekk:-

*"Jiena lil Sharon sirt nafha sentejn qabel ma zzewget lil Rene, it-tifel tieghi. Hi kienet tidher tifla tajba. Kont nghidilha biex tigi tghinni fid-dar biex b'hekk hija jkollha ftit flus u jiena l-ghajnuna. Hi qatt ma kellha flus minghand il-genituri taghha. Ommha kienet issaqsini jekk taghmillix xoghol tajjeb u jiena kont inwigeb fl-affermattiv. Ommha mbaghad bdiet tghir u waqqfitha milli tigi. Sharon kienet infaqghat tibki meta ommha ma hallithiex tigi aktar u missierha kien beda jsawwatha. Dan kollu gara quddiemi. Sharon kien ikolla kemm-il darba marki tas-swat, darba niftakar li kella anke fuq wiccha. Dak iz-zmien jiena kelli t-tifla tipprepara ghaz-zwieg. Sharon kienet tghidli li ahjar tizzewweg ukoll biex tehles mis-swat. Jien kont nispjegalha li m'hijiex lesta ghaz-zwieg u li z-zwieg fih tieghu izda hi kienet twegibni li mbasta tehles mis-swat. Jiena kont nispjegalha li m'hijiex lesta ghaz-zwieg u li z-zwieg fih tieghu izda hi kienet twegibni li mbasta tehles mis-swat.*

*Jien, li naf dwar il-hrug taghha huwa li kellha zewgt ihbieb li dejjem kienet tmur ghandhom.  Kienet tmur ukoll f'hanut ta' 'hairdresser'.  Jiena kont inwissiha biex ma tmurx f'dan il-hanut ghaliex kien ikun mimli rgiel li kienu jiehdu kunfidenza maghha.  Izda hi xorta baqghet tmur ghal xi skuza jew ohra.*

*Jiena kont nghidilha li m'hijiex matura ghaz-zwieg, sahansitra quddiem ommha.  Lil Rene jien kont nghidlu wkoll li hi m'hiex lesta izda hu kien jghidli li hu kien lest ghaz-zwieg.  Jiena kont naraha mohhha mtajjar.  Ommha kienet torbot il-kundizzjoni taz-zwieg ma' affarijiet materjali, bhal per ezempju, jekk inhallas it-tieg kollu jien.  Izda xorta wahda fl-ahhar minuta ma gietx ghat-tieg.  Meta gie missierha qallha li ommha tigi biss jekk titlobha skuza minghajr ir-raguni ta' x'kien id-dispett li ghamlitilha.  Sharon cemplet u skuzat ruhha izda ommha xorta wahda ma kienetx giet it-tieg.*

*Meta lil Rene kont nghidlu li Sharon kienet mohhha mtajjar hu kien jghidli li issa tissetilja wara t-tieg.  Ghall-ewwel tliet xhur hekk ghamlet 'issetiljat' izda mbaghad regghet ghamlet hbieb m'ommha w kull darba li tigi ommha kienet tiggieled ma' Rene.  Telqet mid-dar xi seba', tmien darbiet u jien kien ikolli ncempel l-ispettur biex tigi lura.  Hi kienet bdiet tohrog kuljum ghall-granet shah u jekk Rene jghidilha xi haga kienet taqbad u titlaq mid-dar u tibqa' nieqsa ghal xi gimgha, gimaghtejn u tigi lura wara li ll-pulizija jkellimha.  Darba niftakar ghamlet xahar nieqsa mid-dar.  Kull darba li titlaq dejjem konna nirrapportaw l-ghassa tal-pulizija.  In-nies kienu jghiduli li qed jarawha ma' hafna rgiel differenti w f'diversi postijiet.*

*Hi, wara li telqet minn ma' Rene kienet harget tqila minn wiehed u kienet toqghod mieghu izda llum-il gurnata qed toqghod ma' iehor".*

Illi **Helen Bonello** prodotta mill-attur bil-Malti u bil-gurament xehdet hekk:-

*"Jiena nigi oht l-attur. Jiena lil Sharon gieli kellimtha qabel iz-zwieg. Sharon qabel it-tieg kienet tigi d-dar tal-mama kwazi ta' kuljum. Hi kienet minn daqqiet tigi biex tiftah qalbha maghna w minn daqqiet biex tghin lil mama'. Niftakar li gieli kienet tghid li meta kienet taghmel xoghol ghall-mama taghha ommha kienet tghidilha li ma joghgobhiex ix-xoghol. Gieli kienet issawwatha w tghidilha biex targa' taghmlu w infatti konna naraw ukoll tbengil fuq dirghajha. Jiena rajtha mbengla aktar minn darba. Gieli kont nghidilha "xi tbengila ghandek" u hi kienet tghid li kienet tkun ommha li ghamlithielha.*

*Sharon kienet qaltli li trid tizzewweg ghalkemm ma qaltlix ir-raguni ghaliex. Jiena kont inhoss pero' li xtaqet tehles mid-dar. Ommha ma kenitx giet it-tieg. Niftakar, li Sharon kien iddispjaciha hafna u kienet bkiet. Dakinhar tat-tieg jiena hassejt il-bzonn li nsaqsi lil Sharon jekk kenitx lesta ghaz-zwieg. Jien staqsejtha dan ghaliex meta Renato kien ikun ix-xoghol, hi xorta wahda kienet tohrog ma' shabha. Jiena kont gharusa fl-istess zmien u jien ma kontx inhoss li ghandi nohrog waqt li l-gharus kien ix-xoghol. Jiena nahseb li ommha ma gietx it-tieg biex tkedd 'il bintha. Jiena kont izzewwigt ukoll fl-istess gurnata, allura ma bqajtx id-dar. Naf pero' li wara z-zwieg hi baqghet xorta thobb tohrog u ma toqghodx id-dar. Il-mama gieli kienet tilmenta mieghi li Sharon kienet titlaq mid-dar minn fil-ghodu sa fil-ghaxija".*

**(B) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi qabel xejn jigi precizat li l-konvenuta f'dan il-kaz baqghet kontumacja, izda kienet prezenti u xehdet fl-ewwel seduta.

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-**artikolu 19 (1) (c), 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap.255**. L-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga"*. Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Kanone 1098 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-

ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja’ ezistenti fl-1981, cjoe’ qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta’ Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **“Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri”**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta’ ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta’, u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dana bhalma l-fatt li ligijiet ta’ pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta’ pajjizna ma hux ta’ ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta’ dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta’ nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi direttament fuq l-intellett ta’ xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u ndirettament fuq il-volonta’ tal-persuna ngannata. F’din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose’ Castano***:-

*“Il dolo causa direttamente errore nell’intelletto del paziente, il quale ex errore consente. Con la particella ex vogliamo significare l’immediata causalita’ dell’ errore sul consenso. L’atto di consentire pero’ e’ atto entittivamente di volonta”*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista’ jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *“In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe’ che il consenso matrimoniale provenga dall’ errore doloso, senza il-quale il consenso non sarebbe mai stato espresso”* (op. cit. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba’ affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li il-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita’ tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita’ tkun tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi mill-provi migbura, minn imkien ma jirrizulta car f’hiex kien jikkonsisti l-qerq. L-attur fix-xhieda tieghu qatt ma semma’ li l-attrici qarrqet bih biex tikseb il-kunsens tieghu. Anzi jghid li *“dak iz-zmien Sharon kien qed ikollha xi tghid ma’ ommha ghaliex meta ma kenitx qed tohrog mieghi, kienet tohrog mal-hbieb. Jien inhoss li zzewgitni biex tahrab mill-ambjent ta’ ommha u tkun aktar libera”.* Omm l-attur tikkorrobora dan meta tghid illi *“jiena kont nispjegalha li m’hijiex lesta ghaz-zwieg u li z-zwieg fih tieghu, izda hi kienet twegibni li mbasta tehles mis-swat”.* L-omm tkompli tispjega illi *“meta lil Rene kont nghidlu li Sharon kienet mohhha mtajjar hu kien jghid li issa tissetilja wara t-tieg”.* Dan jindika li l-attur kien jaf x’kienet Sharon, kien biss jittama li tinbidel wara. Oht l-attur tghid li *“meta Renato kien ikun ix-xoghol, hi xorta wahda kienet tohrog ma’ shabha”.* L-attur jghid *“jiena xorta ridt nizzewwigha”.* Anke wara li zzewgu u l-konvenuta kienet titlaq mid-dar ghall-gimghat shah u *“xorta baqghet tohrog u tiltaqa’ ma shabha.”* L-attur kien jirrapporta l-ghassa u jerga’ jaccettaha lura d-dar.

Illi ghalhekk, imkien fix-xhieda tieghu ma’ l-attur wera li kien hemm qerq u li dan il-qerq incida fuq il-kunsens tieghu. Ghalhekk kwantu ghall-**paragrafu c tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 19,** il-Qorti taqbel mal-brava perit legali Dr. Fiorella de Marco li ma hemmx bazi ta’ nullita’ taz-zwieg abbazi ta’ dan il-paragrafu citat.

Illi **l-Artikolu 19 (1) (f)** jipprovdi li zwieg ikun null:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, new ta’ xi wiehed jew aktar mill-elemnti essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”*.

Illi ma hemmx dubbju li l-legislatur Malti, meta fformula dana l-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp

gurisprudenzali u dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sal-1981, cjoe' meta l-**artikolu 19** allura ezistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-**artikolu 19** vigenti illum. In fatti jekk wiehed jara l-inciz (2) tal-**kanone 1101 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-**Kap. 255**, wiehed isib li dan l-inciz hu kwazi identiku ghall-ligi taghna:

*"At si alterutra vel utrague pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliqudo elementum, vel essentialem aliquam proprietatem, invalide contrhit".*

Illi hawn qeghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cjoe' meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar *consensus simulatus* jew *consensus fictus*. Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur ***Castano (Castano, J.F.,*** **Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992):-**

*"In generale si parla di exclusio totale e di exclusio partiale. La prima sarebbe la esclusione della "totalita" matrimoniale, cioe' del matrimonium ipsum, mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo "parzialmente", vale a dire ad essentiale matrimonii aliquod elementum e ad essentialem aliquam proppriet atem. Ad ogni modo, si tratta della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l-effetto sulla validita' del matrimonio, non c'e' nessuna differenza, giacche' il matrimonio in ambedue I casi e' sempre invalido."* (op. Cit. P.382)

Illi tezisti simulazzjoni totali meta l-kontraent esternament ikun qed jaghmel atti li ma jkunux in konformi mal-volonta tieghu interna. Per ezempju, meta wiehed *"in no way consents to marriage"*. (**Bejan** 29 ta' Lulju, 1970) jew *"when he positively does not intend to give his consent while he can."* (**Abbo** 8 ta' Frar 1968) jew meta wiehed *"does not have the intention of contracting marriage but wishes to put on an act".* (***Pausilla*** 18 ta' Dicembru,1980).

Illi d-decizjonijiet Rotali ohra osservaw li simulazzjoni totali taz-zwieg jista' jsehh ukoll *"when a person excludes either marriage itself or his or her spouse."* (***Mercieca*** 15 ta' Lulju 1973) (***Ferraro*** 26 ta' April, 1978).

Illi simulazzjoni totali tezisti wkoll meta hemm inkluz element kuntrarju ghaz-zwieg. Ezempju ta' dan huwa meta bniedem jizzewweg *"for his own purposes which are different from marriage."* (***Rogers*** 11 ta' Novembru, 1993). Wiehed jista' jizzewweg ghal ragunijiet personali u soggettivi *(finis operantis et extraneus)*. Dawn ir-ragunijiet jistghu ma jikkoincidux ma dawk taz-zwieg innifsu *(finis operis)*. Jekk iz-zewg motivi jikkoezistu ghaliex wahda ma teskludix lill-ohra allura m'hemmx simulazzjoni u tali zwieg huwa validu. Mill banda l-ohra jekk wiehed jizzewweg bil-hsieb ewlieni tal-motivi soggettivi tieghu ad eskluzjoni tal-motivi taz-zwieg innifsu allura dak iz-zwieg huwa null.

Illi l-Qorti hawn ukoll taqbel mal-istess perit legali li sostniet:-

*"L-esponenti hi ta' l-opinjoni li ma hemmx nullita` tal-kunsens tal-konvenuta a bazi ta' simulazzjoni totali. Fil-fatt imkien mill-provi ma jirrizulta li l-konvenuta dahlet ghaz-zwieg izda kienet qeghda nterament teskludi l-istess ghaqda".*

Illi fil-kaz ta' nullita' parzjali l-kontraent ma jkunx qed jeskludi z-zwieg innifsu fit-totalita' tieghu pero' jkun jeskludi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu u b'hekk xorta wahda jirrendi l-istess zwieg null.

Illi fil-ligi taghna mkien ma nsibu elenkati x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga pero' huwa principju rikonoxxut fis-socjeta' Maltija li z-zwieg kif nifmuh ahna ghandu a bazi tieghu l-element ta' esklussivita', cjoe' dik il-fedelta reciproka li l-partijiet jaghtu u jweghdu lil xulxin *(Bonum Fidei).*

Ghalhekk meta parti tidhol ghaz-zwieg tkun waqt il-hin tal-kunsens qeghda taghti lilha nnifisha lill-parti l-ohra u b'hekk qed teskludi relazzjonijiet ma' terzi persuni. Punti

iehor li jrid jigi sollevat in ezami ta' dan is-sub-inciz huwa li l-ligi titkellem dwar eskluzjoni pozittiva. Huwa accettat fil-Gurisprudenza taghna li sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit m'hemmx bzonn li tali eskluzjoni tkun wahda sfaccata, l-intenzjoni tal-eskluzjoni tista' tkun wahda percepibbli minn azzjonijiet impliciti. Gurisprudenza nostrana tammetti li hemm distinzjoni bejn id-dritt ghall-fedelta' u l-abbuz ta' dan id-dritt. Ghalhekk relazzjonijiet extra konjugali wara z-zwieg ma jikkontribwixxux wahedhom argument ghan-nullita'.

Illi l-anqas ma jirrizulta f'nullita' meta wiehed mill-partijiet jiehu decizjoni wara z-zwieg li jnehhi jew jimmodifika d-dritt ghall-fedelta' gja' moghti fil-kunsens taz-zwieg. Minkejja dan, relazzjonijiet extra konjugali ghandhom jigu meqjusa bis-serjeta' ghaliex jistghu jkunu rizultat ta' kunsens limitat minhabba simulazzjoni parzjali. *"We must take care not to consider lightly such a strong indication since more often than not, it could be a certain sign that the obligation of fidelity has not been assumed."* (***Pompedda*** 7 ta' Lulju 1972).

Illi dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimoniali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar 'l fuq imfisser *ossia* li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens – basta li l-Qorti tqishom, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomittanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cjoe' ghaz-zwieg.

Illi mkien fil-provi ma jirrizulta car li l-konvenuta fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali kellha l-hsieb li teskludi xi aspett taz-zwieg jew iz-zwieg innifsu. Il-konvenuta tghid *"jiena zzewigt ghax kont inhobb lil Renato"*. Omm l-attur tispjega li *"ghall-ewwel tliet xhur hekk ghamlet 'issetiljat', izda mbaghad regghet ghamlet hbieb ma' ommha u kull darba li tigi ommha kienet tiggieled ma' Rene"*. Ghalhekk il-Qorti wkoll bhal perit legali ma thossx li n-nullita' taz-zwieg, a bazi ta' dan il-paragrafu gie ppruvat.

Illi l-artikolu **19 (1) (d)** jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro.*

*Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi premess dan kollu, dan ghandhu jigi ezaminat fid-dawl tal-provi prodotti u fil-fatt jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-30 ta' April 1988 meta l-konvenuta kellha biss (17) sbatax-il sena u kontra l-parir ta' kulhadd, tant li ommha lanqas giet ghat-tieg.

Illi l-atmosfera fit-trobbija tal-konvenuta ma kenitx wahda ‘normali’ li trawwem maturita’ *“qabel ma zzewigt u nfatti dejjem kelli nkwiet mal-familja tieghi. Ommi ma rieditnix nizzewweg u jiena ggilidt maghha ghax ridt nizzewweg. Pero’ l-inkwiet ma’ ommi kien minn dejjem fuq haga jew ohra. Jiena kont inhobb nohrog u l-mama ma kenitx thallini”*.

Illi kif gja’ issemma qabel kien hemm ukoll swat li ncida fuq id-decizjoni tal-konvenuta *“imbasta nehles mis-swat”.* Jidher car illi l-konvenuta kellha f’mohhha illi riedet tizzewweg biex tehles mill-ambjent ta’ sikkatura u vjolenza li kienet qed tirriskontra ma’ ommha. Minhaba l-eta’ zghira u mmatura tal-konvenuta hija ma kkomprendietx illi z-zwieg bir-risponsabbilta’ tieghu tidhol ghalih. Kulma rat il-konvenuta hu mezz li tottjeni l-liberta’ li kienet taspira ghaliha u li ma rnexxilhiex tiehu mid-dar taghha.

Illi kemm il-konvenuta ma kenitx matura bizzejjed biex tifhem xi jfisser iz-zwieg, jissahhah bil-fatt illi f’qasir zmien tul iz-zwieg hija, kif ammettiet hi stess, kienet f’diversi okkazjonijiet, xi hames darbiet, titlaq mid-dar konjugali u tmur ghand ommha, mhux talli izda dan ma kenitx taghmlu minhabba xi raguni valida, minhabba xi mohqrija da parti tal-attur, izda biss kif xehdet hi stess, *“ghax ridt immur noqghod ghand ommi”*.

Illi tant hu hekk kienet titlaq mid-dar mhux wara xi argument mal-attur, imma meta huwa kien ghax-xoghol. Dan il-hrug ma kienx ta’ gurnata jew tnejn imma ta’ gimghat u kien l-attur li meta kien jirritorna d-dar u ma jsibhiex, *“Kont immur infittixha Paceville jew il-Mellieha u kont insibha. Kienet tkun ma’ ohtha. Dan ikun ghall-habta tal-hdax ta’ bil-lejl”.*

Illi l-attur kien kull darba jaccettaha biex tmur lura lejn id-dar. Meta kien jistaqsiha ghaliex telqet mid-dar hija kienet twiegeb *“li kienet titlaq ghaliex kienet tixba’ mid-dar, ghaliex hi zzewget zghira u ma kienitx taf xi jfisser verament l-impenn taz-zwieg.”* Jidher ukoll li l-konvenuta ma kellhiex hjiel ta’ xi tfisser imhabba jew rispett li suppost

turi lil zewgha fejn tammetti li tul iz-zwieg kellha relazzjoni ma' ragel iehor li ma kenitx thobbu ghalkemm kellha tarbija minnu.

Illi ghalhekk invista ta' dawn il-provi u ragunamenti l-istess perit legali kkonkludiet hekk:-

*"Ghall-motivi premessi, l-esponenti tirritjeni li z-zwieg tal-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett a bazi tal-fatt li l-kunsens tal-konvenuta kien 'vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg'.* ***Art. 19 (1) (d) tal Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta".***

Illi l-Qorti thoss li l-istess perit legali b'mod mill-iktar skjet ghamlet apprezzament tajjeb hafna tal-provi u l-ligi applikabbli u taqbel mal-konkluzjonijiet taghha hawn citati *stante* li mill-istess xhieda jirrizulta bla ebda dubju li l-konvenuta kellha l-kunsens taghha vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u zzewget biss lill-attur minhabba li riedet tehles mid-dar taghha, izda minghajr ebda hsieb ta' xejn lejn id-dimirijiet u obbligi naxxenti mill-istess rabta mal-attur, bil-konsegwenza li qatt ma accettat tali responsabiltajiet, u riedet tghix b'mod mill-aktar liberu minghajr responsabilta' lejn hadd u xejn, u tmur u titlaq mid-dar meta u x'hin jidhrilha li ma tistax tissaporti izjed.

Illiu ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-30 ta' April 1988 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha

tal-Ligi abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------